# St. Angela Kindergarten School



## IT-TMEXXIJA TAL-ISKOLA

## Passi Żgħar Lejn Suċċessi Kbar

***L-iktar elementi mportanti li jiffurmaw lit-tifel jew tifla ... fil-ġenerazzjoni l-ġdida ... huma tlieta. Dawn huma l-isforz tal-ġenituri, l-isforz ta' l-għalliema, u l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li jrid jiggwidahom.***

Sr.Elisabeth Gatt, Kap ta' l-Iskola, 60, Triq Sant'Andrija, Lija LJA 1523 Tel:21434933/ 77056427

# IT-TMEXXIJA TAL-ISKOLA

L-Iskop ta' l-iskola ta' St. Angela huwa li tipprovdi lill-istudenti esperjenza ta' edukazzjoni ħolistika. Għalhekk aħna nikkommettu ruħna li nħarsu u niżviluppaw il-bżonnijiet soċjali, fiżiċi, psikoloġiċi u spiritwali ta' l-istudenti żgħar tagħna. Dan isir mingħajr distinzjoni ta' kapaċità, stat soċjo-ekonomiku jew razza.

L-ewwel skop ta' l-għażiż Fundatur tagħna l-Qaddej ta'Alla Mons. Isidor Formosa, kien li aħna nżommu t-tfal matul il-ġurnata biex ommjiethom ikunu jistgħu jmorru jaħdmu. Hu ma xtaqnix li sempliċiment nieħdu ħsiebhom, imma riedna nħaddnu l-appostolat ta' Sant'Angela Merici, li ħadmet bla ħniena għall-edukazzjoni tat-tfal u ż-żagħżagħ.

B'konsegwenza ta' dan huwa d-dover tagħna bħala edukaturi li nagħtu edukazzjoni kattolika u mħabba nkondizzjonata li hija tant meħtieġa, flimkien ma' kull tip ta' tagħlim ieħor.

L-iskejjel tagħna rridu nħarsu lejhom bħala appostolat li jrid jitwettaq b'impenn kbir biex aħna nkunu nistgħu nikkomunikaw l-imħabba ta' Ġesù fil-qlub tat-tfal żgħar tagħna. Dan jirrikjedi minn naħa tagħna sagrifiċċju u ħafna paċenzja.

L-għalliema tagħna jridu jikkommettu ruħhom li mhux sempliċiment ikunu edukaturi imma wkoll jieħdu ħsieb li jipproteġu wkoll lit-tfal kollha billi jħobbuhom u jnisslu fihom dawk il-valuri li aħna wrietna mill-Fundatur tagħna.

## KONTENUT


ꟹ EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ GĦAL KULĦADD ..... 4
ꟹ UGWALJANZA ..... 4
ꟹ DIVERSITÀ ..... 4
ꟹ INKLUŻJONI ..... 5
ꟹ POLITIKA TA' STIMA TAL-PERSUNA ..... 5
ꟹ RWOL TAL-ĠENITURI FIL-KOMUNITÀ SKOLASTIKA ..... 5
ꟹ NAR U DRILL TAN-NAR ..... 6
ꟹ TELEFOWN, MOBAJL U KAMERAS DIGITALI ..... 7
ꟹ POLITIKA TA' IKEL SAN U NUTRIZZJONI ..... 8
ꟹ POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA U L-IĠJENE ..... 11
ꟹ POLITIKA DWAR L-ALLERĠIJI ..... 13
ꟹ POLITIKA DWAR L-IMĠIBA ..... 15
ꟹ POLITIKA KONTRA L-BULLYING ..... 18
ꟹ POLITIKA DWAR IL-QAMEL FIS-RAS ..... 24
ꟹ POLITIKA DWAR IS-SESSJONIJIET TA' TAGĦLIM ONLAJN ..... 27
ꟹ L-UNIFORMI TA' L-ISKOLA ..... 28
ꟹ POLITIKA DWAR L-ATTENDENZA U L0GBIR TAT-TFAL ..... 29
ꟹ L-ISKEDA TA' L-ISKOLA ..... 30
ꟹ JUM IT-TWELID ..... 32
ꟹ ĦARĠIET TA' L-ISKOLA ..... 32
ꟹ L-ISTAFF TA' L-ISKOLA ..... 33
ꟹ *NOTICE BOARD* TA' L-ISKOLA ..... 33
ꟹ FATTURI OĦRA MPORTANTI ..... 33

## ᨏ EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ GĦAL KULĦADD

L-Edukazzjoni ma' għandhiex tkun limitata f'qafas riġidu – għandha tkun pjuttost flessibbli biex tadattata ruħha għal kull ħtieġa, ħalli b'hekk toħroġ il-potenzjal ta' kull wieħed mit-tfal.

Nistgħu nħarsu lejn l-edukazzjoni bħalha l-iżvilupp ta' etika ta' l-edukazzjoni li jistimola l-iżvilupp tal-potenzjal ta' l-istudenti hi l-għan aħħari tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Dan għandu jintlaħaq mingħajr ma' jiġu kompromessi l-prinċipji ta' solidarità u ko-operazzjoni. Edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd ifisser li livell għoli ta' edukazzjoni jkun aċċessibbli għal kulħadd, irrispettivament mill-ħiliet u ċ-ċirkustanzi ta' l-individwi.

## ᨏ UGWALJANZA

L-ugwaljanza, kif imxandra mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, hi dritt fundamentali – għaliex ma tistax tiġi njorata.

L-edukazzjoni hi għal kulħadd u kulħadd għandu d-dritt jitgħallem. Ladarba l-ugwaljanza u t-trattament sewwa jagħtu sens san ta' assigurazzjoni u stima tagħhom infushom, dawn huma prijorità. Ħadd m'għandu jiġi trattat inqas minn ħaddieħor jew b'mod preferenzjali.

Id-diskriminazzjoni hi għal kollox inaċċettabbli ladarba tolqot ħażin l-iżvilupp psikoloġiku u żvilupp san ta' stima li l-istudent ikollu tiegħu nnifsu. Kulħadd hu aċċettat u maħbub bħala uniku. Jekk ta' età ċkejkna l-istudenti jitgħallmu jaċċettaw lil min hu differenti, jittrattawhom bħala simili u jitgħallmu jinkluduhom fis-soċjetà, hemmhekk l-għan tagħna jkun intlaħaq.

## ᨏ DIVERSITÀ

Aħna kollha differenti u kull wieħed minnha hu ndividwu uniku, iżda flimkien aħna ġemgħa, għalhekk hemm l-għaqda fid-diversità.

Kull individwu hu mogħni b'repertorju vast ta' ħiliet, esperjenzi u bżonnijiet. Hawnhekk il-fatt li d-diversità, flimkien ma' differenzi evidenti fil-popolazzjoni studenteska, tiffaċilita u titlob pedagoġija mibnija fuq rispett lejn id-diversità u ċ-ċelebrazzjoni ta' differenzi hu muri aktar ċar. Għalhekk il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jikkommetti kull istituzzjoni ta' tagħlim biex tipprovdi lill-istudenti kollha bl-aħjar esperjenza edukattiva possibli, irrispettivament

mid-differenzi soċjali u ndividwali tagħhom. Li tippromwovi d-diversità hu li tippromwovi demokrazija multi-kulturali.

## INKLUŻJONI

L-inklużjoni jmur lil hinn milli taċċetta lil xi ħadd bi bżonnijiet differenti fil-grupp. Hu li tagħmel lil dik il-persuna tħossha parti mill-grupp. Edukazzjoni nklussiva hi bbażata fuq impenn, minn naħa ta' dawk li qed jitgħallmu, li jagħrfu b'mod sħiħ id-differenza individwali u li jipprofessaw u jimplimentaw normi inklusivi. Dan il-ħsieb jagħraf il-firxa wiesgħa ta' nteressi edukattivi, potenzjal u ħtiġijiet ta' l-istudenti. Kulħadd jista' jkun sewwa fl-aħjar ambjent. permezz ta' l-inklużjoni l-istudenti kollha jibbenefikaw u jitgħallmu l-ugwaljanza. aħna mhux biss nitkellmu fuq l-inklużjoni, iżda ntegrajnieha f'kull aspett tal-klassi. Nadattaw stili ta' tagħlim li jaqblu ma' kulħadd ħalli kulħadd jibbenefika u jilħaqq livell għoli ta' standard edukattiv, skond il-ħila ta' kull wieħed. Aħna nemmnu li fil-promozzjoni ta' l-ugwaljanza u d-diversità, l-idejal ta' kultura nklussiva jintlaħaq kemm għall-istaff kif ukoll għall-istudenti.

## POLITIKA TA' STIMA TAL-PERSUNA

L-iskola tagħraf li fl-iskola, l-istaff għandu rwol importanti fit-trawwim ta' l-istima tal-persuna tat-tfal li ngħallmu. L-għan kostanti tagħna hu li niżguraw li t-tfal kollha jħossu li huma prezzjużi u li jħossuhom inklużi kontinwament. Infittxu li nrawmu fit-tfal il-ħila li jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' xulxin u ma l-istaff, filwaqt li ngħinuhom japprezzaw u jgħożżu lill-xulxin permezz tal-eżempju, l-azzjonijiet u l-kliem mogħti mill-istaff bħalha mudell. Din titwettaq mill-staff kuljum. Biex din il-politika titwettaq, jinħtieġ li l-istaff infushom ikollhom sens għoli ta' stima tagħhom infushom filwaqt li jemmnu f'dak li l-iskola qed twettaq.

## RWOL TAL-ĠENITURI FIL-KOMUNITÀ SKOLASTIKA

Il-ġenituri huma fost l-aktar imsieħba mportanti fil-proċess edukattiv. It-tfal jibbenefikaw meta l-attitudni u l-imġieba tagħhom issaħħaħ dak li jsir fl-iskola. Għalhekk hu ta' l-akbar importanza li l-professjonisti jħeġġu lill-ġenituri jieħdu sehem b'mod attiv fi proġetti edukattivi u riċerka biex isaħħu l-proċess edukattiv ta' wliedhom.

Il-ġenituri għandhom ikunu lebsin b'mod xieraq kemm meta jieħdu sehem u jattendu għal attivitajiet fl-iskola kif ukoll meta jwasslu jew imorru għal istudenti biex jeħduhom lura d-dar.

## ☙ NAR U DRILL TAN-NAR

- Il-persuna li tiskopri n-nar għandha tinforma lis-Soru nkarigata.
- Tindaqq il-qanpiena biex tavża lil min jinsab fil-binja.
- Is-Soru nkarigata tikkuntattja lis-servizzi tat-tifi tan-nar.
- Meta tisma' l-qanpiena, l-istaff kollu mmedjatament imur fil-klassijiet biex iħejju lit-tfal għall-evakwazzjoni.
- L-istaff (li jassiguraw li magħhom iġibu ir-Reġistru) jakkumpanjaw lit-tfal lejn post miftiehem – fuq il-bankina.
- Is-Soru nkarigata tassigura li kull min qed iżur jew jaħdem fil-binja huma diretti lejn il-post miftiehem. Tieħu wkoll il-lista ta' dettalji fejn tikkuntatttja lill-ġenituri.
- Kif jaslu fil-post miftiehem, l-ismijiet tat-tfal kollha jiġu mqabbla mar-Reġistru biex jiġi żgurat li kollha ġew evakwati. Naraw ukoll li niżguraw li kull min qed iżur jiġi evakwat.
- Ħadd ma jiċċaqlaq mill-post miftiehem qabel ma jiġi dirett mill-uffiċjal tat-tifi tan-nar.
- Dan id-drill jiġi pprattikat mill-inqas darba kull term u jitniżżel fir-Reġistru tad-Drill.

## 🙢 TELEFOWN, MOBAJL U KAMERAS DIGITALI

- Biex issaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal, l-iskola St. Angela tinforza politika fuq l-użu tal-mobajl fowns u kameras diġitali fil-klassijiet.
- Telefonati ta' emerġenza jittieħdu fuq il-linja fissa ta' l-iskola. (Ġenituri m'għandhomx iċemplu lill-għalliema fuq il-mobajl personali).
- Il-kameras diġitali jintużaw biex jirrikordjaw l-iżvilupp tat-tfal bħalha xhieda ta' tagħlim. Xi kultant it-tfal huma pprovduti bihom biex juru l-interessi personali tagħhom.
- Il-ġenituri m'għandhomx permess jieħdu ritratti fil-ħin ta' l-iskola (inkluż waqt ħarġiet).
- Ir-ritratti kollha li jinġibdu huma miżmuma fuq kompjuter tal-klassi. Wara li jkunu mniżżla, iprintjati, jew mibgħuta lill-ġenituri, dawn jkunu mneħħija.
- Meta tifel/la jiġi aċċettat fl-iskola, il-ġenituri jingħataw formola ta' aċċettazzjoni biex jittieħdu ritratti fl-iskola jew waqt ħarġiet. F'avvenimenti speċjali, eż: il-Milied jew festin ta' meta t-tifel/la jispiċċa għal kollox mill-iskola, l-istaff jista' jieħu ritratti tal-grupp li jitqassmu lill-ġenituri kif mitluba.
- Waqt ħarġiet, il-mobajl ta' l-iskola jista' jintuża għal xi emerġenza.

# 1. Introduzzjoni

Fil-Kindergarten St. Angela aħna nemmnu li l-promozzjoni ta’ ikel bnin għanda tkun attività pjaċevoli kif ukoll wieħed li jżid is-saħħa. Aħna nemmnu li l-iskola tilgħab parti mportanti fl-iżvilupp tal-kapaċità ta’ l-istudent biex jagħmel għażliet informati u hu mpenjat biex jagħti lill-istudenti l-messaġġ fuq l-aspetti kollha tas-saħħa biex jgħinhom jifhmu l-impatt ta’ ċerta mġiebiet u nħeġġuhom jieħdu responsabiltà ta’ l-għażliet li jagħmlu.

Dan id-dokument kien imħejji f’konsultazzjoni ma’ l-istaff ta’ l-iskola taħt it-tmexxija tal-Kamra Maltija ta’ l-Ispiżjara flimkien ma’ nutriċista.

# 2. Għaliex hi meħtieġa policy ta’ ikel san u nutrittiv ?

It-tfulija u l-adoloxxenza huma żmenijiet kritiċi għas-saħħa u l-iżvilupp għaliex fihom tiżdied il-ħtieġa fiżjoloġika ta’ nutrijenti u l-konsum ta’ dieta ta’ kwalità nutrittiva għolja, hi partikolarment importanti. F’dan il-perjodu, stili ta’ ħajja, mġieba u għażliet ta’ ikel, jistgħu itulu fil-ħajja adulta.

Aħna nemmnu li dieta bilanċjata sana kollha nutrijenti hi mportanti għall-iżvilupp fiżiku kif ukoll għall-ħiliet intelletwali tat-tifel/la. Li titma l-ġisem bin-nutrijenti adatti jgħin jistimola l-moħħ u jkun aktar jista’ jitgħallem ħiliet ġodda.

# 3. Għan

- Biex niżguraw li l-aspetti kollha ta’ l-ikel u nutrizzjoni fl-iskola jippromwovu s-saħħa u titjib fil-qagħda ta’ l-istudenti, staff u dawk li jżuru l-iskola.
- Li ngħinu lill-istudenti jagħmlu għażliet ta’ ikel san u jkunu mħejjija aħjar permezz ta’ tagħlim tul il-ħajja fuq l-ikel u n-nutrizzjoni.

- Biex ngħinu lill-istudenti jifhmu li ikel tajjeb u sustanzjuz hu essenzjali għall-ħila tagħhom biex jitgħallmu kif ukoll għal saħħithom.
- Biex nippromwovu stili ta' ħajja sana u għarfien tal-konsegwenzi ta' għażliet tajbin jew ħżiena.
- Biex niżguraw relazzjoni konsistenti għal ikel sustanzjuż fil-komunità skolastika inklużi studenti, staff u ġenituri jew persuni li jieħdu ħsieb it-tfal.
- Biex niżguraw li l-iskola tagħti sehemha f'komunità aktar wiesgħa billi tippromwovi s-saħħa tal-familja.

# 4. OĠĠETTIVI

## 4.1 Attivitajiet kurrikulari

- Bħalha parti mill-kurrikulu t-tfal jiġu mogħtija tagħrif dwar l-ikel u n-nutrizzjoni. Il-kurrikulu formali jiġi rivedut biex jiġi żgurat li t-tagħrif mogħti dwar l-ikel u n-nutrizzjoni f'lezzjonijiet differenti ikun aġġornat.
- Jekk ikun hemm biżżejjed interess minn naħa tal-ġenituri, l-iskola torganizza wkoll attivitajiet biex jingħataw pariri u għajnuna dwar ikel san.

## 4.2. Packed Lunches

L-iskola tagħna għandha l-għan li tgħin lill-ġenituri jagħmlu għażliet sani fit-tħejjija tal-*packed lunches*.

L-iskola tipprovdi nformazzjoni fuq ikel san li għandu jiġi mogħti lit-tfal biex iġibuh magħhom l-iskola .

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma bbażati fuq dawk maħruġa mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni permezz tad-dokument HELP ta' Settembru 2007.

*Il-lunch* ta' tifel/la għandu jinkludi biss dan li ġej:

- Porzjon ta' ikel bil-lamtu i.e. ħobż 'whole grain', pitta bread bil-ġunġlien, *crackers*, insalata ta' l-għaġin jew tar-ross.
- Frott u ħaxix friski, tuffieħa/larinġa/banana, cherry tomatoes, tal-karrotti u frott imqattgħin, eċċ.
- Porzjon ta' ħalib jew ikel magħmul mill-ħalib: ġobon, yogurt sempliċi jew bil-frott.

- Porzjon żgħir ta' laħam dgħif, ħut jew simili, i.e. żewġ biċċiet perżut, tiġieġ jew ċanga, ġobon, tuna, bajda, ħummus, eċċ.
- Xarba – ilma (mhux b'xi togħma), ħalib (l-istess).

Nagħtu parir lill-ġenituri biex iżidu *'ice-pack'.* Minħabba li prodotti ta' l-ikel li jkunu mħejjija u merfugħa f'temperatura tal-kamra, wara ħin ta' bejn tnejn u erba' sigħat, iżid il-livell tal-bakterja, dan jista' jkun ta' ħsara għat-tfal. Flimkien ma' dan, l-iskola titlob li l-ġenituri ma' jinkludux dawn li ġejjin *fil-packed lunches*:

- Ħelu, ċikkulata, eċċ.
- *Crisps* u kull packet b'ammont għoli ta' melħ u xaħam.
- Xarbiet bil-gass/ zokkor.
- Kejkijiet ħelwin i. e. kejk bil-ġelu, doughnuts, eċċ.
- *Nut bars* ħelwin, eċċ.
- Ikel li fih karawett immellaħ.
- Pakketti ta' karawett immellaħ.

Il-ġenituri li għandhom diffikultà jsegwu dawn il-linji gwida huma mitluba jikkuntattjaw l-iskola.

## 4.3 Ilma għax-xorb

- L-iskola tiżgura li jkun hemm ilma tajjeb għax-xorb għal l-istudenti matul il-ġurnata u li l-istudenti jifhmu l-importanza li jixorbu.
- It-tfal jistgħu jġibu l-fliexken ta' l-ilma tagħhom fil-klassijiet u huma mħeġġa jixorbu kulmeta jkollhom l-għatx. Waqfiet biex jixorbu l-ilma jkunu mħeġġa matul il-jum.
- L-istudenti jitħallew jerġgħu jimlew il-fliexken tagħhom skont il-bżonn.

## 4.4 L-ambjent ta' l-iskola

Fil-waqfa għall-ikel ta' nofsinhar, l-iskola tipprovdi ambjent sikur u san għall-istudenti u l-istaff.

Kull ħaġa għar-rimi, minn kaxxi ta' l-ikel miġjub mid-dar, irid jittieħed lura d-dar fi tmiem il-jum.

Ikun hemm superviżjoni waqt l-ikel għal dawk it-tfal li jkollhom problemi jew jikkawżaw problemi, i. e. tfal li jkollhom diffikultà jieklu, min iwaqqa' l-ikel, jew ma jistgħux isibu fejn ipoġġu jew ma jieklux l-ikel eċċ.

It-tfal huma mistennija jħallu l-post fejn kielu f'kundizzjoni relattivament pulit u nadif.

## 4.5 Rikompens

L-iskola ma jħallix li l-ikel jingħata bħalha rikompens għal imġieba tajba jew xogħol magħmul tajjeb. Jintużaw metodi pożittivi oħra bħalha nkoraġġiment, eżempju *stikers*.

## 4.6 Iġjene ta' l-ikel

- It-tfal jiġu mfakkra jaħslu jdejhom wara li jużaw it-*toilet* u qabel l-ikel.
- Il-kontentituri ta' l-ikel u l-fliexken għandhom jittieħdu d-dar biex jinħaslu.
- Kemm l-istaff kif ukoll it-tfal għandhom ikollhom idejhom indaf, xagħarhom miġbur u post nadif meta jittrattaw l-ikel waqt il-lezzjonijiet.

### ꟹ POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA U L-IĠJENE

L-iskola tal-kindergarten tagħna hija mpenjata li tipprovdi ambjent sigur u b'saħħtu għat- tfal, għall-impjegati u għall-viżitaturi kollha. Din il-politika tiddeskrivi l-proċeduri tagħna biex inkunu konformi mal-istandards ta' saħħa u iġjene, nikkontrollaw il-mard u nkunu pronti għal meta jinqalgħu xi emerġenzi.

1. F'kaz ta' mard: tfal li huma morda mhux se jitħallew jiġu skola. Is-sintomi ta' dan it-tip ta' mard jinkludu:

- Deni aktar minn 38°C (100.4°F)
- Rimettar jew dijarea
- Infezzjoni jew infjammazzjoni tal-ġilda
- Infezzjoni tal-għajnejn jew tal-widnejn
- Sogħla jew sintomi respiratorji (tan-nifs)

2. Iġjene: L-impjegati u t-tfal għandhom ikollhom prattiċi tajbin ta' ndafa u iġjene li jinkludu:

- Ħasil spiss tal-idejn bl-ilma u s-sapun

- Ngħattu ħalqna u mneħirna meta nisogħlu jew ngħatsu
- Niddiżinfettaw l-uċuħ tal-għamara u ġugarelli b'mod regolari.

3. Amminstrazzjoni ta' mediċini: Mediċni jingħataw lit-tfal biss minn impjegati inkarigati, u l-ġenituri jridu jagħtu struzzjonijiet u l-kunsens tagħhom bil-miktub.

## Proċeduri ta' Emerġenza

1. L-impjegati huma mħarrġin fl-għoti tal-ewwel għajnuna bażika, u jieħdu ħsieb huma jekk ikun hemm min iweġġa' ħafif.

2. Kuntatt f'każ ta' emerġenza: Il-ġenituri jridu jagħtuna d-dettalji tal-persuna li rridu nikkuntattjaw f'każ ta' emerġenza.

## Kontroll tal-Infezzjonijiet

1. Mard infettiv: tfal b'mard infettiv (eż. ħosba jew gidri r-riħ) ma jitħallewx jigu l-iskola mingħajr ma jipprovdu karta minn għand it-tabib li tgħid li għaddielhom.

2. Tifqigħat ta' mard infettiv: f'każ ta' tifiqgħa, l-iskola timxi mad-direttivi tas-saħħa pubblika u tavża lill-ġenituri.

### ➢ Obbligi tal-Ġenituri

- Il- ġenituri jridu jinfurmaw l-iskola jekk uliedhom għandhom xi mard infettiv jew jekk qed jieħdu xi mediċini.
- Il-ġenituri jridu jiġbru lil uliedhom jekk dawn joħorġilhom xi mard jew iweġġgħu waqt il-ħin tal-iskola.

### ➢ Obbligi tal-Iskola

- Superviżjoni: it-tfal ikunu sorveljati l-ħin kollu.
- Monitoraġġ tas-saħħa: l-edukaturi jaraw li t-tfal huma fi stat tajjeb ta' saħħa, u fil-każ li jkun hemm xi dubju, jiġu nfurmati mill-ewwel l-amministrazzjoni tal-iskola u l-ġenituri.

# Dikjarazzjoni

Fil-Kindergarten ta’ St Angela, il-persunal li jaħdem fl-ambjent tal-iskola huwa konxju li t-tfal li jattendu l-iskejjel tagħna jistgħu jbatu minn allerġiji tal-ikel, annimali jew ġewż, kif ukoll minn xi nigża min-naħla jew żunżana. Aħna nemmnu li l-allerġiji għandhom jittieħdu bis-serjetà u li kull sforz sabiex jitnaqqas ir-riskju t'espożizzjoni għandu jsir biex jiġi evitat li tifel/tifla jew membru tal-persunal li jbati minn xi allerġija jiġi f'kuntatt mal-allerġeni li jistgħu jikkawżaw reazzjoni.

Il-Kindergarten ta' St Angela huma ambjenti "ħieles mill-ġewż". Aħna impenjati li noħolqu ambjent protett għat-tfal fil-kura tagħna u għall-persunal impjegat magħna. Madankollu, nifhmu li huwa impossibbli li jinħoloq ambjent "ħieles mill-allerġeni". Hemm pjan fis-seħħ għar-rispons effettiv għal emerġenzi possibbli, f’każ li tifel/tifla jew membru tal-persunal ibati reazzjoni allerġika serja.

Sfortunatament, m’għandniex ners bbażata fl-iskejjel tagħna iżda għandna proporzjon kbir tal-persunal li huwa ċċertifikat fl-Ewwel Għajnuna Pedjatrika.

# Proċeduri u Responsabbiltajiet għall-Immaniġġjar tal-Allerġiji

Meta l-ġenituri/kustodji jibagħtu lit-tfal tagħhom fil-Kindergartens ta’ St Angela, huma mitluba jimlew formola medika u jekk it-tfal tagħhom ibatu minn reazzjoni kkawżata minn allerġija; bħal urtikarja jew anafilassi li thedded il-ħajja waqt li jkunu fl-iskola, huma għandhom jagħmlu nota tagħha u jiddiskutuha mal-Kap tal-Iskola qabel id-dħul tat-tifel/tifla tagħhom fl-iskejjel tagħna.

Jekk tifel/tifla jew membru tal-persunal ikollu allerġija, ikun meħtieġ pjan ta' azzjoni. Dan għandu jiġi pprovdut mill-ġenituri/kustodji u jinkludi d-dettalji mniżżla hawn taħt:

- Ir-ritratt tat-tifel/tifla
- Dettalji tat-tifel/tifla
- Numru tal-mowbajl taż-żewġ ġenituri/kustodji
- Lista ta 'miżuri ta' prekawzjoni f’każ t’allerġeni li għandhom jiġu evitati
- Deskrizzjoni ta' sintomi komuni

- Azzjoni li għandna tieħu f'każ li t-tfal ikollhom reazzjoni allerġika, inkluż pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet għal reazzjonijiet severi

Dettalji dwar kull medikazzjoni inkluż EpiPen li tinżamm fuq il-post

Post tal-medikazzjoni

- Informazzjoni ta' kuntatt għat-tabib tat-tifel/tifla
- Firma tal-ġenituri/kustodji
- Tpoġġi lill-persuna fl-aħjar pożizzjoni waqt l-istennija għall-ambulanza jekk ikun hemm sintomi ta' qtugħ ta' nifs
- Il-ġenituri/kustodji għandhom jagħtuna ittra ffirmata biex nirrikonoxxu li membru tal-persunal jitħalla japplika l-EpiPen jekk ikun hemm bżonn u li l-iskola ma tinżammx responsabbli għal ebda reazzjoni.

## Informazzjoni oħra

Matul il-ħin tal-ikel, l-Edukatur tal-Kindergarten u l-LSE se jiżguraw li t-tfal b'allerġiji jkunu bilqiegħda fuq imwejjed separati u l-LSE toqgħod ħdejn it-tifel/tifla biex jiżguraw li ma jaqsmux l-ikel tagħhom jew l-ikel ta' tfal oħra fil-klassi. Ladarba l-ikla tkun lesta l-LSE se tieħu t-tfal 'l bogħod miż-żona sabiex it-traċċi kollha ta' kwalunkwe ikel jistgħu jitneħħew u l-imwejjed u l-art jitnaddfu.

Tfal b'allerġiji jkunu jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet ta' tisjir ladarba jġibu l-ingredjenti tagħhom stess mid-dar.

Meta t-tfal jiċċelebraw għeluq sninhom fl-iskola, dawk it-tfal li jbatu minn allerġija għandhom iġibu xi helu li il - genituri / kustodji jahsbu li hi tajba ghat – tifel / tifla taghhom

## ☙ POLITIKA DWAR L-IMĠIBA

1.Huwa ċentrali għall-filosofija tal-Kindergarten ta' St Angela li l-persunal kollu huwa pożittiv u motivat kull ħin: kemm lejn it-tfal kif ukoll lejn xulxin. Kwalunkwe kwistjonijiet jew problemi li jinqalgħu mat-tfal, ma' membri oħra tal-persunal jew mal-ġenituri/kustodji, għandhom jiġu diskussi immedjatament u privatament mal-Kap tal Iskola/l-Assistent Kap. Kummenti negattivi dwar ġenituri/kustodji u membri tal-familja, persunal ieħor jew tfal mhumiex aċċettabbli.

2.Aħna nifhmu li t-tfal għandhom it-tendenza li jieħdu drawwiet ta' diskors u ċertu attitudnijiet mill-ġenituri/kustodji tagħhom jew membri oħra tal-familja, u jistgħu bi żball jużaw diskors jew imġiba li mhux xieraq fil-klassi. Jekk dan iseħħ, l-istaff se jitkellem mat-tfal dwar l-importanza li wieħed jifhem is-sentimenti u jirrispetta lil xulxin. Li naċċettaw id-differenzi u nirrispettaw lil xulxin se tkun parti mill-ħidma kontinwa tal-Iskola. L-imġiba se tkun diskussa mal-ġenituri/kustodji, u kwalunkwe kwistjonijiet jew diffikultajiet se jiġu enfasizzati. Bħala parti mill-impenn tagħna li naħdmu fi sħubija mal-ġenituri/kustodji, dawn huma mitluba jiggwidaw lil uliedhom biex jifhmu aħjar għaliex il-kummenti li saru huma negattivi u għalhekk mhumiex aċċettabbli.

3.Meta l-ġenituri/kustodji jirrifjutaw li jaċċettaw li t-tfal ikunu għamlu dawn il-kummenti; jew ifittxu li jiġġustifikaw il-kummenti għar-raġuni li dawn huma validi, jew sempliċement paroli tat-tfal li ma jfisser xejn, il-membru tal-persunal għandu jinsisti li tittieħed azzjoni biex twaqqaf lit-tfal ikkonċernati milli jġibu ruħhom b'dan il-mod, u li l-ġustifikazzjonijiet jew skużi mhumiex aċċettabbli u b'hekk jiġu offruti alternattivi.

4.L-inċident għandu jkun iddokumentat fil-Ktieb tal-Aċċidenti/Inċidenti.

# Imġiba pożittiva

1. Nimmiraw li niżguraw li jkun hemm biżżejjed ġugarelli popolari ghat-tfal, riżorsi u attivitajiet suffiċjenti sabiex it-tfal ikunu okkupati b'mod sinifikanti, u b'hekk jitnaqqas iċ-ċans ta' kunflitt fuq il-qsim u l-istennija. Aħna ngħinu lit-tfal jiksbu dawn il-ħiliet permezz ta' firxa ta' attivitajiet xierqa u rilevanti għall-età tagħhom, u l-istadju ta' żvilupp li jinsabu fih.

2. Nippromwovu u nirrikonoxxu mġiba kkunsidrata, bħalma huma t-tjubija u l-ġenerożità.

3. Nappoġġjaw lil kull tifel u tifla fl-iżvilupp tal-istima personali, kunfidenza u sentimenti ta’ kompetenza.

4. Nagħtu sapport lil kull tifel u tifla biex iħossuhom stmati, u milqugħa u parti mill-grupp tagħhom.

5. Nevitaw li noħolqu sitwazzjonijiet li fihom it-tfal jirċievu attenzjoni mill-adulti biss bħala riżultat ta’ mġiba inkonsiderata.

6. Meta t-tfal jaġixxu b'mod mhux rispettuż, aħna ngħinuhom jifhmu r-riżultati ta’ l-azzjonijiet tagħhom u kif jistgħu jkampaw aħjar.
7. Aħna nirrikonoxxu li tfal żgħar ħafna ma jistgħux jikkontrollaw l-emozzjonijiet tagħhom stess; bħal biża’, rabja, jew dwejjaq; u jeħtieġu adulti sensittivi biex jgħinuhom jagħmlu dan.

8. Ċertu imġiba bħal tantrums, gdim jew ġlied taf tagħmel ħsara lit-tfal żgħar. L-impjegati tal-iskola huma kalmi u paċenzjużi. Aħna nagħtu wens meħtieġ biex intaffu l-emozzjonijiet differenti li t-tfal jistgħu jkollhom u ngħinuhom biex ikollhom kontroll tas-sentimenti tagħhom. L-impjegati jimpenjaw ruħhom li permess ta’ konversazzjonijiet mat-tfal jgħinuhom isolvu kwistjonijiet u jgħinunhom jifhmu dak li hu tajjeb jew ħażin.

9. Aħna se naħdmu u nikkollaboraw mal-ġenituri/kustodji u t-tfal biex dejjem jintlaħaq ftehim. Aħna nużaw firxa ta' strateġiji biex nappoġġaw it-tfal, u bil-kunsens tal-ġenituri/kustodji, aħna nfittxu assistenza speċjalizzata u esterna meta jkun meħtieġ. Aħna naħdmu mal-ġenituri/kustodji f'kull ħin meta nimplimentaw strateġiji, niksbu informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tad-dar, u niddentifikaw attitudnijiet xierqa biex ċertu imġiba tinbidel.

10. L-imġiba fiżika mhux aċċettabbli u se tiġi ittrattata bl-istess mod.

## Proċedura dwar għemil mhux aċċettabbli

1. Kopja ta' dan id-dokument dwar l-imġiba għandha tiġi ffirmata minn kull ġenitur/ kustodju biex jindikaw il-ftehim tagħhom.

2. Se jkun hemm rispons verbali immedjat għal kull azzjoni.

3. Għandha ssir spjegazzjoni ġentili u sempliċi lit-tfal ikkonċernati dwar ir-raġuni għaliex l-imġiba tagħhom ma kinitx aċċettabbli.

4. Jekk l-imġiba mhux aċċettabbli tippersisti, it-tfal għandhom jittneħħew mill-attività/grupp tagħhom għal perjodu qasir.

5. Fejn meħtieġ, it-tifla/tifel, għandhom jittieħdu f'kamra oħra sakemm jikkalmaw.

6. Il-ġenituri/kustodji ħa jiġu infurmati jekk inħossu li l-imġiba tat-tfal hija partikolarment inkwetanti, per eżempju meta l-imgiba tkun aggressiva, ta’ tfixkil għal tfal oħra u iperattiva.

7. L-edukaturi u l-ġenituri se jaħdmu flimkien biex jippromwovu mġiba aċċettabbli.

8. Jekk it-tfal ma juru l-ebda sinjal ta’ titjib fl-imġiba tagħhom se tintbagħat twissija bil-miktub lill-ġenituri/kustodji li tiddikjara b'mod espliċitu dak li uliedhom li qed jgħidu jew jagħmlu u twissihom li l-imġiba ma tieqafx matul il-perjodu ta’ żmien miftiehem, u mhumiex lesti li jikkooperaw, jittieħdu azzjonijiet immedjati sakemm jiġu rriferuti lis-CDAU għal valutazzjoni psikoloġika.

9. Nitolbu li kulħadd, inklużi l-persunal tal-Iskola u ġenituri / kustodji jkunu konsistenti fl-approċċ tagħhom rigward l-immaniġġjar tal-imġiba

10. Ħa nsegwu dawn il-proċeduri b'mod xieraq għall-maturità tat-tfal u l- imġiba rispettiva tagħhom.

## ❧ POLITIKA KONTRA L-BULLYING

L-iskejjel ta' St Angela huma msejsa fuq il-valuri tal-evanġelju. Għalhekk, kulħadd fi ħdan il-komunità tal-iskola għandhom iħallu l-għemil u l-kliem tagħhom ikunu l-mutur għall-imħabba ta' Alla, filwaqt li jistinkaw dejjem biex jappoġġjaw jaffermaw lil xulxin f'komunità fejn m'hemmx firdiet ta' ħila, kulur, kultura jew razza. Il-kliem u l-azzjonijiet jitkejlu għall-potenzjal tagħhom li jrawmu u jappoġġjaw lil xulxin. Din il-politika tfasslet flimkien mal-għanijiet tal-iskola biex tippromwovi l-importanza kbira tas-sigurtà, is-saħħa u l-benessri ta' kull tifel/tifla individwali fl-iskola.

# Il-Motivazzjoni

L-iskola temmen li kull student għandu jiġi rrispettat għall-valur u d-dinjità personali tiegħu u jkun appoġġjat u kkurat kif jixraq. L-istudenti kollha jkunu mħeġġa biex jiżviluppaw attitudni ta' kura lejn dawk ta' madwarhom u jirrispettaw u jittolleraw lin-nies b'kull sfond, razza, reliġjon u kultura. Ilkoll se jkunu mħeġġa jiżviluppaw l-awtodixxiplina u jieħdu r-responsabbiltà għad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom.

# Fil-Prattika

- Il-persuni kollha fl-iskola għandhom id-dritt li jiġu ttrattati bħala individwi u b'rispett. Ir-relazzjonijiet tajbin huma vitali għall-ħidma ta' skola b'suċċess.
- Il-persuni kollha jaġixxu b'kortesija u konsiderazzjoni f'kull ħin.
- L-istudenti huma mistennija jittrattaw lin-nies bil-ġentilezza u r-rispett mistħoqq u għandhom jitkellmu dejjem b'mod edukat ma' kulħadd, hekk li ssir possibbli li kulħadd jitgħallem.

## X'inhu Bullying?

Il-bullying huwa mġiba kontinwa li intenzjonalment tikkawża t-tbatija lil ħaddieħor. Il-bullying jista' jiġi definit bħala "mġiba minn student wieħed jew aktar li tipproduċi effetti ta' ħsara jew ta' dannu, fiżikament jew emozzjonalment għal kwalunkwe individwu." Il-bullying huwa kkaratterizzat mill-intenzjoni li jweġġa', ibeżża' jew jintimida lil persuna

oħra. Il-bullying jieħu ħafna forom, wiċċ imb wiċċ, jew permezz ta' terzi. Il-weġgħa tista' tkun kemm fiżika, emozzjonali jew it-tnejn.

### *Il-bullying jista' jieħu l-forom li ġejjin:*

- **Fiżiku**: imbuttar, daqqiet ta' sieq, swat, theddid
- **Verbali**: laqmijiet (timbri), inkejja persistenti, sarkażmu, għajdut/diċeriji/qlajjiet
- **Emozzjonali**: esklużjoni minn grupp, ridikolar/ridikolaġni, theddid
- **Razzista**: ġesti u ħars inkejjużi
- **Is-cyberbullying huwa** l-użu tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Komunikazzjoni (ICT), partikolarment il-mowbajls u l-internet, deliberatament biex idejjaq lil xi ħadd ieħor.

## L-Għanijiet tal-Politika

- Li tipprovni ambjent sikur li fih kull tifel/tifla jista' jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu jew tagħha u jiżviluppaw soċjalment, emozzjonalment, fiżikament, konjittivament u kreattivament.

- Biex trawwem ir-rispett reċiproku, il-fiduċja u li jkun hemm qbil bejn il-ġenituri/il-kustodji u l-membri tal-istaff biex jaħdmu flimkien għall-ġid ta' kull wild.
- Biex jiġi żgurat li l-komunità skolastika kollha taħdem flimkien u li jkun hemm qbil dwar din il-kwistjoni.

- Biex tiġi żviluppata komunità skolastika fejn il-bullying ma jkunx ittollerat u l-istudenti jħossuhom komdi jgħidu lil xi ħadd li jista' jgħinhom jekk ikunu qegħdin jiġu bullied.

- Li tippromwovi messaġġ kontra l-bullying permezz tal-aspetti kollha tal-kurrikulu u li tħeġġeġ lill-membri kollha tal-iskola biex jaġixxu b'tolleranza, kura u konsiderazzjoni lejn l-oħrajn f'kull ħin.

***Permezz ta' dawn l-għanijiet nittamaw li:***

- noħolqu ambjent li jkun sikur u seren għal kulħadd.
- nipprevjenu u nnaqqsu l-bullying fi kwalunkwe forma.
- ikollna approċċ konsistenti li nimxu bih f'każijiet ta' bullying.
- niżguraw li l-membri kollha tal-komunità skolastika jkunu konxji minn din il-politika.

# L-Azzjoni biex jitnaqqas il-bullying

*L-iskola se tiżgura li:*

- Kulħadd huwa konxju mill-politika kontra l-bullying u jġib l-appoġġ tiegħu u jqajjem kuxjenza waqt is-sessjonijiet ta' tagħlim fl-iskola.

- L-istudenti ma jitħallewx waħedhom fil-kurituri jew fil-klassijiet.
- Tinżamm komunikazzjoni tajba u effettiva mal-ġenituri, l-edukaturi u mat-tim tal-maniġment tal-iskola kif jiġi mmonitorjat u mmaniġġjat il-bullying.
- Waqt ix-xogħol, l-istaff ikun fil-ħin, l-istudenti jkunu f'żoni/fi kmamar allokati u tinżamm preżenza pożittiva. Jekk l-istaff ikun jaf li se jkun 'il bogħod, huwa fid-dmir li jħalli l-istudenti ma' xi ħadd ieħor.
- L-istaff li jaħdem fl-iskola regolarment għandu jiċċekkja t-toilets u l-kurituri u jiskoraġġixxi lill-istudenti milli jiltaqgħu f'dawn iż-żoni.
- Ikun revedut u msaħħaħ regolarment l-approċċ tal-iskola kontra l-bullying f'laqgħat għall-istaff, f'laqgħat, fi ġranet ta' taħriġ eċċ.
- Ikun hemm enfasi fuq l-aspettattivi pożittivi tal-imġiba tal-istudent.
- Jekk l-istudenti jew il-ġenituri jirrappurtaw il-bullying, ir-rapport jinstema', jittieħed bis-serjetà, u jsiru l-investigazzjonijiet xierqa u jiġu implimentati strateġiji kif għandu jkun.
- Wara l-investigazzjonijiet, l-eżitu jiġi mgħarraf lil dawk involuti u wara l-inċident, is-sitwazzjoni tiġi mmonitorjata mill-qrib.
- L-istudenti jiġu mismugħa u jkun hemm opportunitajiet għalihom biex jesprimu l-fehmiet/opinjonijiet tagħhom waqt il-ħin tad-diskussjoni.

- Tesplora u tiċċelebra d-differenzi u d-diversità permezz ta' firxa wiesgħa ta' avvenimenti ġewwa/barra mill-kurrikulu.

## L-iskola se tuża dan li ġej biex tnaqqas l-imġiba tal-bullying:

- Proċeduri miftiehma biex tirrispondi għall-inċidenti.
- Staff biex jimmonitorja l-inċidenti.
- Proċeduri kif tniżżel bil-miktub l-inċidenti u kif tagħmel kuntatt mal-ġenituri.
- Tiżgura li l-istaff kollu fl-iskola jifhem u jkun familjari mal-politika u l-proċeduri.
- Tirrevedi perjodikament il-ħtiġijiet tat-taħriġ tal-istaff kollu.
- Tfittex li ġġib sitwazzjoni fejn l-istudenti stess jiskoraġġixxu b'mod attiv il-bullying u jqisu r-rappurtar ta' inċidenti b'tali mod li b'hekk qegħdin jieħdu azzjoni responsabbli.
- Tħeġġeġ lill-istudenti biex jitkellmu mal-istaff dwar it-tħassib tagħhom u li jassigurahom li dejjem se jkunu mismugħa u miżmuma siguri.

### ➢ L-iskola se:

- Tieħu r-rapporti kollha ta' bullying bis-serjetà u tniżżel bil-miktub l-inċidenti kollha.
- Tikkomunika ma' dawk kollha kkonċernati, skont il-proċeduri.
- Tipparteċipa fit-taħriġ.
- Tirrikonoxxi l-imġiba xierqa.

### ➢ L-istudenti se jiġu mgħallma u mħeġġa biex:

- Jirrapportaw l-inċidenti kollha ta' bullying anke jekk ma jkunux involuti personalment.
- Jirrispettaw u jappoġġjaw lil sħabhom.
- Iżommu mal-politika tal-iskola dwar l-imġiba pożittiba u jippromwovuha.
- Iżommu mal-politika tal-iskola dwar kontra l-bullying u jippromwovuha.
- Ikunu konxji li għandhom juru rispett lejn l-istudenti u l-adulti kollha u li jiġu imposti sanzjonijiet jekk ma jżommux ma' dan.

- **Il-ġenituri/il-gwardjani huma mitluba u mħeġġa biex:**

- Jippromwovu l-imġiba tajba.
- Jirrapportaw lill-iskola kwalunkwe tħassib jew inċidenti.
- Jappoġġjaw b'mod attiv l-imġiba tal-iskola u l-politiki kontra l-bullying.
- Ikunu responsabbli għall-imġiba ta' wliedhom barra mill-iskola.

# Linji gwida għall-ġenituri, l-istudenti u l-istaff

### *Il-ġenituri*

- Il-ġenituri għandhom jenfasizzaw l-importanza ta' mġiba soċjali tajba lil uliedhom.
- Jirrapportaw lill-iskola kwalunkwe tħassib.
- Jappoġġjaw b'mod attiv il-politika tal-iskola kontra l-anti-bullying.

- **Liema sinjali għandhom ifittxu l-ġenituri?**

*Jekk l-ulied:*

- Ma jridux imorru l-iskola.
- Irrovinaw jew tilfu l-ħwejjeġ jew l-affarijiet tagħhom.
- Huma aktar kwieti mis-soltu, maqtugħin jew mnikkta.
- Jorqdu ħażin jew jibku billejl.
- Jieqfu jieklu.
- Għandhom tbenġil mhux spjegat.

Il-ġenituri għandhom jinfurmaw lill-iskola.

- **X'se tagħmel l-iskola:**

- L-iskola se timplimenta firxa ta' strateġiji l-aktar xierqa eż. l-approċċ li ma jwaħħal f'ħadd.

- L-iskola se tieħu l-kwistjoni bis-serjetà u tittratta t-tħassib.
- L-avvenimenti kollha jiġu rreġistrati bil-miktub.
- L-SMT/l-istaff se jirreġistra d-diskussjonijiet maż-żewġ partijiet. It-tim tal-maniġment tal-iskola se jassumi r-responsabbiltà għal dan wara r-riferiment.
- Il-ġenituri/il-gwardjani tal-istudenti involuti jiġu kkuntattjati.

## ➢ L-istaff

- Ir-regoli tal-iskola jkunu kemm jista' jkun pożittivi.
- Fil-klassi jiġu diskussi l-imġiba responsabbli u l-istrateġiji preventivi fl-oqsma tal-kurrikulu bħalma hu l-Personal, Social and Emotional Development u waqt l-hekk imsejjaħ, circle time.
- Ir-rispett personali u l-istima personali ser jiġu promossi f'kull ħin.
- L-istaff kollu jiġi mgħarraf dwar il-politika u din tkun disponibbli fuq il-website tal-iskola biex jiġi aċċertat li l-istaff ikun konxju tal-proċeduri u l-istrateġiji użati.
- L-istaff irid jiżgura li l-inċidenti ta' bullying fil-klassijiet kemm verbali kif ukoll fiżiċi għandhom ikunu dejjem sfidati u qatt injorati. L-inċidenti ta' bullying għandhom jiġu rrappurtati immedjatament sabiex l-inċidenti jiġu ttrattati fil-pront.
- L-istaff għandu jkun kalm u konsistenti fl-approċċ tiegħu.
- L-istaff kollu għandu jiżgura s-sigurtà u l-benesseri minnufih ta' dawk li qegħdin isofru l-bullying.

## ➢ L-istandards li nittamaw li nżommu fl-iskejjel ta' St Angela jinkludu:

- Il-bullying kollu huwa inaċċettabbli.
- L-iskola tagħraf l-effetti tad-dannu tal-bullying u se taħdem qatigħ biex tnaqqas ir-riskji.
- L-istudenti u dawk li jwettqu l-bullying se jiġu ttrattati u megħjuna minn professjonisti.

## ➢ Il-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni

Il-monitoraġġ huwa essenzjali biex jgħin jassessja l-progress u jevalwa l-impatt tal-politika kontra l-bullying.

- Li tagħmel analiżi regolari tal-informazzjoni biex tipprovdi d-dettalji dwar it-tipi ta' bullying, il-frekwenza, u tittieħed azzjoni. Din l-informazzjoni se tiġi maqsuma /diskussa waqt laqgħat psikosoċjali u prattiċi reveduti.
- Biex tassessja l-effettività ta' din il-politika, l-iskola se tirrapporta l-inċidenti fuq perijodu partikolari.
- Permezz tal-laqgħat tal-istaff, l-istaff se jiddiskuti kif iħossu li qiegħda taħdem il-politika u x'bidliet jistgħu jsiru.
- Permezz ta' attivitajiet kurrikulari, l-istaff ikun jista' jqis b'mod aktar dirett kif effettwat lill-istudenti tagħna.

## ➢ Nota lill-Ġenituri/Gwardjani

Il-ġenituri/il-gwardjani għandhom dejjem jikkuntattjaw lill-Kap tal-iskola/lill-Assistent Kap jekk ikollhom xi tħassib dwar kwistjonijiet ta' bullying.

## POLITIKA DWAR IL-QAMEL FIS-RAS

Il-qamel fir-ras ikompli jikkawża t-tħassib u l-frustazzjoni għall-familji, l-edukaturi u t-tfal. Minkejja li l-qamel fir-ras mhuwiex meqjus bħala periklu għas-saħħa, u ma jxerridx il-mard,  l-infestazzjonijiet jistgħu jikkawżaw l-ansjetà lil dawk kollha kkonċernati. Il-qamel fir-ras jolqot lill-gruppi kollha soċjoekonomiċi u mhuwiex sinjal ta' nuqqas ta' iġene. M'għandu l-ebda preferenza għall-isfond etniku, il-lewn tax-xagħar, it-tip ta' xagħar jew l-età.

Din il-politika hija maħsuba biex tfisser l-irwoli, ir-responsabbiltajiet u l-aspettazzjonijiet tal-iskola sabiex tassisti billi tidentifika minn kmieni, tittratta u trażżan il-qamel fir-ras b'mod konsistenti u kkordinat. Filwaqt li l-familji għandhom ir-responsabbiltà primarja sabiex jintebħu bil-qamel fir-ras u jittrattawh, l-iskola tagħna se taħdem b'mod koperattiv u kollaborattiv sabiex tassisti lill-familji kollha jikkontrollaw il-qamel fir-ras b'mod effettiv.

Madankollu, jekk il-qamel fir-ras ikun innutat minn xi membru tal-istaff, il-ġenitur jiġi msejjaħ u jintalab jiġbor lil ibnu/bintu mill-iskola minnufih. Tintbagħat imejl lil ditti rinomati mill-Kap tal-iskola sabiex tgħarrafhom li tifel/tifla mill-iskola tagħna se jkunu qegħdin iżuru l-klinika għal eżami tax-xagħar. Id-ditti rinomati jgħarrfu lill-ġenitur bir-riżultat u l-proċedura. Wara l-proċedura u t-trattament, il-ġenitur għandu jagħmel appuntament mad-ditti rinomati, u jekk it-tifel/tifla jkunu ċċertifikati bħala meħlusa mill-qamel fir-ras, jistgħu jattendu l-iskola.

## L-implimentazzjoni

Ir-responsabbiltajiet tat-tmexxija, l-edukaturi u l-istaff:

- Jekk tifel/tifla fl-iskola jkollhom il-qamel fir-ras, aktarx li għandhom ukoll diversi oħrajn.

- It-tifel/tifla jew it-tfal bil-qamel fir-ras m'għandhomx ikunu iżolati jew imwarrba mit-tagħlim.

- Inaqqsu l-kuntatt ras ma' ras bejn it-tfal kollha meta l-iskola tkun konxja li xi ħadd għandu l-qamel fir-ras.

- Il-Kap/l-Assistent Kap/il-persuna inkarigati mill-iskola jinnotifikaw b'mod kunfidenzjali lill-ġenitur/gwardjan tat-tifel/tifla li jkunu ssuspettati li għandhom il-qamel fir-ras u jitolbu li t-tifel/tifla jiġu ttrattati qabel ma l-għada jirritornaw l-iskola.

- Iżommu lill-familji infurmati jekk fl-iskola jkun hemm xi ħadd bil-qamel fir-ras.

- Jappoġġjaw lill-ġenituri u lill-ulied li jkollhom il-qamel fir-ras billi jingħataw it-tagħrif fattwali, inaqqsu l-ansjetà tal-ġenituri u mhux jiddiskriminaw bejn it-tfal li jkollhom il-qamel fir-ras.

- Jipprovdu s-suġġerimenti lill-familja sabiex it-trattament tal-qamel fir-ras ikun effettiv.

- Iħeġġu lill-ġenituri sabiex meta jattendu l-iskola, lil uliedhom jiġbrulhom xagħarhom.

- B'mod kufidenzjali, iżommu rekord tal-każijiet kollha sabiex tiġi evitata xi mxija.

- Iħeġġu lit-tfal sabiex jitgħallmu dwar il-qamel fir-ras sabiex jgħinuhom jifhmu l-kwistjoni u kif jipprevjenu mxijat oħra.

# Ir-responsabbiltajiet tal-familji

- Iċċekkja ras ibnek/bintek darba fil-ġimgħa u osserva jekk hemmx qamel.
- Ara li ibnek/bintek ma jattendux l-iskola bil-qamel fir-ras mhux trattat. Jekk issib il-qamel jew is-subien ħaj, ibda t-trattament minnufih u nnotifika lill-iskola jekk ibnek/bintek ikunu milquta sabiex l-iskola tkun tista' tissorvelja l-għadd ta' każijiet u taġixxi b'mod responsabbli jekk ikun rrappurtat għadd ġmielu ta' każijiet.
- Iċċekkja l-effettività tat-trattament kull jumejn sakemm ma jinstabx aktar qamel ħaj għal għaxart ijiem sħaħ. Neħħi s-subien minn ras ibnek/bintek billi tuża l-metodu tal-conditioner u l-moxt (pettne) għall-qamel fir-ras.
- Ġaladarba jinbeda t-trattament, u ibnek/bintek huma meħlusa mill-qamel fir-ras, jistgħu jattendu l-iskola.
- It-tfal b'xagħar twil jattendu l-iskola b'xagħarhom miġbud lura.
- Il-familji għandhom jużaw prattiċi siguri u rakkomandati biss biex jittrattaw il-qamel fir-ras.
- Il-familji għandu jkollhom atitudni simpatika u jevitaw milli jinfamaw jew jagħtu ħtija lill-familji li jkunu qegħdin jesperjenzaw diffikultà fil-miżuri ta' kontroll.

# It-Trattament

## Il-conditioner u t-teknika tal-moxt (pettne)

1. Omxot ix-xagħar niexef b moxt (pettne) ordinajru.

2. Applika l-conditioner fuq ix-xagħar niexef (ikun eħfef li tara s-subien meta tuża conditioner ta' lewn ċar). Uża biżżejjed conditioner biex tgħatti l-qorriegħa u x-xagħar kollu mill-għeruq sat-trufijiet.

3. Uża moxt (pettne) ordinarju biex tferrex il-conditioner b'mod indaqs, u ofroq ix-xagħar f'erbgħa sezzjonijiet jew iktar billi tuża l-clips tax-xagħar.

4. Filwaqt li tibda b'sezzjoni min-naħa ta' wara tar-ras, qiegħed is-snien tal- moxt (pettne) apposta għall-qamel ċatti mal-qorriegħa. Omxot ix-xagħar mill-għeruq sat-trufijiet.

5. Imsaħ il-moxt (pettne) biex tnaddfu fuq tissue wara kull pettnatura u osserva jekk hemmx qamel jew subien fuq it-tissue.

6. Omxot kull sezzjoni darbtejn sakemm tkun imxatt ir-ras kollha. Jekk il-moxt (pettne) jimtela, uża xkupilja tas-snien qadima, ħajt abjad tas-snien jew labra biex tneħħi l-qamel jew is-subien.

7. Hemm ukoll disponibbli trattamenti kimiċi għal tfal ta' età bikrija

## ☙ POLITIKA DWAR IS-SESSJONIJIET TA' TAGĦLIM ONLAJN

1. Is-sessjonijiet onlajn ħa jkunu opportunità biex l-edukaturi josservaw l-istudenti f'kuntest differenti, filwaqt li nsiru nafu lil xulxin aħjar.

2. Il-ġenituri/kustodji għandhom l-opportunità biex jaraw l-abiltajiet tat-tfal fir-rigward tal-lezzjonijiet li qed isiru. Sitwazzjoni bħal din tista' tiftaħ għajnejn il-ġenituri/kustodji biex jagħtu s-sapport meħtieġ lit-tfal tagħhom.

3. Biex nassiguraw li l-istudenti kollha jipparteċipaw tul dawn is-sessjonijiet onlajn, mhux se jkunu jistgħu jieklu biex l-attenzjoni tagħhom ma tigix affettwata. L-ikel se jitħalla jsir biss għall-waqt il-brejk allokat.

4. L-edukaturi għandhom jippreparaw *flashcards* bis-simboli, bħal *mute/unmute*, *microphone,* sawnd, eċċ., biex l-istudenti u l-ġenituri/kustodji jkunu jafu x'għandhom ifittxu fuq l-iskrin meta jirċievu xi istruzzjonijiet matul is-sessjonijiet.

5. Il-ġenituri/kustodji huma mħeġġa biex jispjegaw lit-tfal kif għandhom jaċċessaw l-*icons* fuq Microsoft Teams, kif ukoll juruhom xi funzjonijiet bażiċi tal-programm fuq it-tablets/kompjuters.

6. Tul is-sessjonijiet, il-ġenituri/kustodji jistgħu jagħżlu sfont għall-iskrin tagħhom.

7. Il-kameras għandhom jinxtegħlu tul is-sessjoni kollha, ħlief matul il-brejk.

8. Il-ġenituri/kustodji huma mħeġġa biex jpoġġu lit-tfal ma' mejda/desk, u jkollhom l-affarijiet neċessarji lesti qabel ma tibda s-sessjoni onlajn.

9. Is-sessjonijiet għandhom ikunu interattivi, u l-istudenti huma mistennija li jipparteċipaw tul il-kant, tħażżiż, attivitajiet, eċċ.

10. Professjonisti bħal *Occupational therapists, Speech and Language therapists*, eċċ. mhux permessi li jkunu preżenti tul it-tagħlim onlajn.

11. Għal raġunijiet ta' GDPR, l-edukaturi/ġenituri/kustodji ma jistgħux jieħdu screenshots tal-iskrin tal-kompjuter tul dawn is-sessjonijiet.

12. Meta neċessarju, pjan qasir għandu jintbagħat ġurnata ta' qabel lill-ġenituri/kustodji biex ilestu r-riżorsi, jipprintjaw u jippreparaw xi materjal, eċċ. Din tkun ta' għajnuna kemm għall-ġenituri kif ukoll it-tfal fil-preparazzjoni tal-attivitajiet.

13. L-istudenti għandhom ikunu puntwali u jilloggjaw fil-ħin. Il-klassijiet li jsiru onlajn huma bħat-tagħlim li jsir fil-klassi, u b'hekk l-attendenza tittieħed kuljum.

14. Is-sessjonijiet m'għandhomx jiġu ittardjati għall-ebda raġuni jew skuża.

15. It-tfal għandhom jkunu taħt is-superviżjoni ta' adult tul is-sessjonijiet.

## ☙ L-UNIFORMI TA' L-ISKOLA

Li tilbes uniformi hu sinjal ta' identifikazzjoni fil-komunita skolastika. L-istudenti għandhom dejjem jiġu l-iskola b'uniformi sħiħa. Ix-xahar għandu jkun nadif u pulit. Il-bniet għandu jkollhom xagħrhom miġbur b'bend tal-lastiku Blu skur u l-uniku bends li għandhom jintużaw huma dawk tad-drapp. *Hair pins*, jew *hair bands* tal-metall m'għandhom qatt jintlibsu. Ix-xagħar tas-subien għandu jkun maqtuh qasir u pulit. Mhux permess li tintlibes ġojjellerija, ħlief għal imsielet tal-bniet u dawn iridu jkunu *'studs'*. Irtokk, *nail-polish*, tpinġija bl-istikers u xahar miżbugħ ma jiġux aċċettati.

## ➢ L-uniformi tas-sajf

L-uniformi tas-sajf tikkonsisti fi qmis *polo* kulur is-salamun bil-logo, xorts *navy blue bil pipping* kulur is -salamun kemm ghal bniet kif ukoll ghas subien u pullover navy blue *bil logo,* kalzetti sa'l-għaksa suwed, żarbun iswed bil velcro u beritta bil-*logo* ta' l-iskola.

## ➢ L-uniformi tax-xitwa

L-uniformi tax-xitwa tikkonsisti fi *tracksuit* kulur is-salamun bil-logo kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet. Fil-jiem tax-xita, tista tintuza rejnkowt li tista' tintlibes fuq il-ġakketta.

## ➢ P. E. Kit

Dan il-kit jikkonsisti f'xorts, *T-shirt* u kalzetti u zarbun iswed.

Kull skola għandha T-shirt ta' kulur differenti. Dawn huma kif ġej:

Lija – Vjola.

Rabat – Aħmar.

Msida – Isfar.

Zabbar – Blu.

## ␘ POLITIKA DWAR L-ATTENDENZA U LOGBIR TAT-TFAL

Fl-iskola ta' St Angela Kindergarten, is-sigurtà u l-benessri ta' kull tifel u tifla huma l-ogħla prijorità tagħna. Biex niżguraw kura u komunikazzjoni xierqa, nitolbu lill-ġenituri u l-kustodji kollha biex isegwu l-proċeduri li ġejjin rigward l-attendenza u l-ġbir tat-tfal.

### 1. Notifika ta' Attendenza

• Il-ġenituri jew il-kustodji huma meħtieġa jinfurmaw lill-iskola sal-8:30 a.m. jekk it-tifel jew it-tifla tagħhom se jkunu assenti dak il-jum.
• In-notifika tista' ssir permezz ta' telefonata, SMS jew email lill-uffiċċju tal-iskola.
• Jekk tifel jew tifla ma jattendix l-iskola mingħajr avviż minn qabel, l-iskola se tipprova tikkuntattja lill-ġenituri biex tiċċekkja s-sigurtà tat-tifel/tifla.

**2. Ħin tal-Ġbir**

• Il-ħin tal-ħruġ huwa fis-1:30 p.m.
• It-tfal kollha għandhom jinġabru sa mhux aktar tard mill-1:45 p.m.
• Jekk il-ġenitur jew il-kustodju jkun se jittardja, għandu jinforma lill-iskola immedjatament u jagħti ħin bejn wieħed u ieħor meta jkun se jasal.

**3. Proċedura f'każ li tifel/tifla jinġabar/tinġabar tard**

Jekk tifel jew tifla jibqa' ma jinġabarx wara l-1:45 p.m. u ma jsirx kuntatt mal-ġenituri, l-iskola se tieħu l-passi li ġejjin:

- Tipprova tikkuntattja lill-ġenituri jew lill-kustodji permezz tan-numri ta' kuntatt ta' emerġenza pprovduti.
- Jekk ma jistax isir kuntatt fi żmien raġonevoli, u jkun hemm tħassib dwar is-sigurtà tat-tifel/tifla, l-iskola se tagħmel rapport mal-pulizija u t-tifel/tifla se jittieħed lejn l-għassa tal-pulizija tal-lokal fejn qiegħda l-iskola.
- Wara li jsir ir-rapport, jiġi infurmat ukoll il-ħaddiem soċjali tas-SfCE.

**4. Protezzjoni u Responsabbiltà**

Din il-proċedura hija fis-seħħ biex tassigura li kull tifel u tifla jkunu dejjem siguri u taħt superviżjoni xierqa f'kull ħin. Din il-proċedura tara li l-iskola twettaq id-dmir tagħha li tieħu ħsieb it-tfal skont ir-regolamenti nazzjonali tal-protezzjoni tat-tfal.

## ☙ L-ISKEDA TA' L-ISKOLA

Il-bieb ta' l-iskola jinfetaħ fit-8: 00 a.m u jibqa' miftuħ sad-8:30 a. m.  L-istudenti kollha għandhom jużaw il-bieb prinċipali ta' l-iskola u it-tfal kollha għandhom imorru dritt fil-klassi tagħhom.

Jekk xi ħadd jixtieq ikellem membru ta 'l-istaff fuq materja mportanti għandhom jew jiktbu ijmejl jew iċemplu l-iskola ħalli jiġu mogħtija appuntament.

Il Hinijiet ta l iskola huma mit 08:00 – 13:30

Matul ix xahar ta' Ġunju l-ħin ikun mit - 8. 00 a. m. u l-12.15 p.m.

## ➢ Ħin tal-ħruġ

Kindergatren 1 : 13 : 25 p. m.

Kindergarten 2 : 13 : 30 p. m.

Il-ġenituri għandhom ikunu puntwali biex jiġbru lit-tifel/la mill-iskola għaliex il-bieb ta' l-iskola jingħalaq fis-1.30 p.m. **eżatt**.

Meta t-tfal ma jkunux se jiġu għalihom il-ġenituri, fil-ħin tat-tluq għandha tiġi ppreżentata nota li tagħti permess lil dik il-persuna li tkun ġiet għat-tifel/la. Din il-persuna għandha tippreżenta l-karta ta' l-identità tagħha.

## ➢ Attendenza

- L-attendenza regolari u l-puntwalità huma mportanti għall-progress akkademiku u soċjo-emozzjonali ta' kull tifel u tifla.
- Jekk student/a jkun marid għandu jiġi ppreżentat certifikat mediku mit tabib.
- F'kas ta' marda li tittieħed u jew jekk ix-xagħar ikun maħmuġ il-persuna li tkun qed tieħu ħsieb lit-tifel/la għandha tipprovdi ċertifikat fejn jgħid li t-tifel/la jista' jattendi l-iskola.
- Jekk jinqala' l-każ li student iħossu ma jiflaħx waqt li qiegħed l-iskola, l-iskola ċ-ċempel in-numru mniżżel fl-"*Emergency Form".* Kulmin jiġi għat-tifel f'sitwazzjoni bħal din, jekk ma jkunux il ġenituri li jiegbru lit tfal, għandha tiegi rappreżentata l-karta ta' l-identità u jiffirma billi juza 'Early dismissal form' qabel ma jitlaq mill-iskola. Dettalji personali u *rekords* jinżammu ġo fajl li jiġi meqjus li jorbot legalment.
- Għal raġuni ta' saħħa u prekawzjoni, tfal morda **ma jitħallewx** jattendu l-iskola u jintbagħtu lura d-dar jekk jiġu l-iskola morda (i.e. mnieħer nieżel)
- Il-ġenituri għandhom jiġu l-iskola għat-tifel/la tagħhom mmedjatament malli jiġu nfurmati mill-iskola.

- Jekk it-tifel/la ma jattendix l-iskola għal żmien twil mingħajr ma tingħata raġuni ġusta, s-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija jiġi nfurmat ħalli tittieħed azzjoni xierqa.

## ➢ Il-ħin tal-brejk

L-studenti għandhom iġibu *packed lunch* tajjeb għal-saħħithom magħmul minn ħobż, ġobon, karrotti u ħjar imqatta, tadam, frott, yogurt, eċċ.

Għeneb u tadam żgħir għandhom ikunu maqsumin min-nofs – biex jiġi evitat il-periklu li jifgaw. Bħala xorb, jiġi aċċettat ilma biss.

L-istudenti kollha jridu jġibu sarvetta u **kull ħaġa li jkollhom trid tkun immarkata**. L-ebda ħelu jew ikel u xorb mhux tajbin għas-saħħa ma jiġu aċċettati.

### ☙ JUM IT-TWELID

Il-jum tat-twelid jista' jiġi ċċelebrat fl-iskola flimkien mat-tfal tal-klassi. Il-ġenituri għandhom javżaw lill-għalliema tal-klassi mill-inqas ġimgħa qabel. Għandhom jinġiebu l-iskola biss *cupcakes* mingħajr **krema, ġelu, kuluri jew dekorazzjonijiet li jċafalsu**. L-iskola tirriżerva d-dritt li tibgħat lura d-dar *cupcakes* li mhumiex addattati ghat-tfal. Inviti għall-festini privati *(birthday parties)* jitqassmu biss jekk tkun mistiedna l-klassi kollha.

### ☙ ĦARĠIET TA' L-ISKOLA

L-organizzazzjoni ta' ħarġiet hu parti mill-kurikulu u bħala skola tal-*kindergarten* għandna nagħmlu l-almu tagħna biex nilħqu kemm il-miri akkademiċi kif ukoll l-iżvilupp ta' ħiliet oħra. Kultant waqt xi harga ikun hemm bzonn ghajnuna zejda mil genituri u ghalhek ikun ta' benefiċċju akbar jekk il-ġenituri jiġu għal dawn il-ħarġiet meta jkunu mitluba jagħmlu dan, billi jimlew il-formola ta' l-għajnuna tal-ġenituri li tinsab fuq il website. Kulmin jiġi għall-ħarġa jista' jagħmel użu mit-trasport organizzat mill-iskola. Ma jingħatux flus lura lil dawk li jinkitbu għal xi ħarġa iżda wara jikkanċellaw. Il-ġenituri m'għandhomx ipejpu waqt il-ħarġa ta' l-iskola, jilbsu lbies xieraq u jġibu ruħhom b'mod edukat.

## ☙ L-ISTAFF TA' L-ISKOLA

L-istaff ta' l-iskola jsegwi l-kundizzjonijiet regolari ta' xogħol kif diretti mid-Diparti-ment ta' l-Edukazzjoni, b'hekk membri tal-istaff huma ntitolati għal *leave* tal-mard, vaganzi u żmien ta' luttu.

L-istaff **m'għandux** jintalab jagħti nformazzjoni għal kuntatti personali għaliex huma pprojbiti li jagħmlu hekk.  Għall-ħarsien tal-ħajja privata huma mitluba ma jaċċettawx informazzjoni fuq *Facebook*.

## ☙ *NOTICE BOARD* TA' L-ISKOLA

L-iskola għandha *notice board* għall-ġenituri. Inħeġġiġkom biex regolarment tagħtu kasu għax fih ikun hemm ċerti avviżi mportanti.  Fil-każ ta dawk it-tfal jiġu bil-vann u allura l-ġenituri ma jkunux jistgħu jaraw l-avviżi, tintbagħat lilhom ijmejl bl-istess avviżi.

## ☙ FATTURI OĦRA MPORTANTI

- Fliexken tat-trabi, gażażi u *comfortors* m'humiex permessi. Jistgħu jinġiebu ġugarelli mid-dar biss għall-attivitajiet ta' *Show and tell* kif indikat mill-għalliema.
- Kull student/a  għandu jkun imħarreġ fl-użu tat-*toilet* (b'eċċezzjoni biss għal studenti bi bżonnijiet speċjali skond l-IEP).
- Konflitti bejn il-ġenituri għandhom jiġu ttrattati privatament.
- L-Assistenti ta' l-Għalliema jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet extra-kurirkulari (bħal terapija tal-kliem, OT, terapija bil-logħob, eċċ), wara li jiġu diskussi l-ħtiġijiet tat-tfal bejn il-ġenituri u l-Kap ta' l-Iskola.  L-L.S.E għandhom jiġu ggwidati kif jipromwovu l-iżvilupp tat-tfal u jwettquh.
- L-ebda xogħol ta' kitba ma jista' jingħata lill-istudenti tal-*kindergarten* għad-dar. Dawk li ma jattendux l-iskola minħabba xi mard jew raġuni oħra m'għandhomx jingħataw xogħol id-dar  li jkun sar l-iskola fl-assenza tagħhom.
- L-istudenti m'għandhomx jagħtu kartolini tal-Milied u l-ebda ħaġa oħra miġjuba mid-dar.

### Aġġornament

Dan it-tagħrif kollu jiġi rivedut darba fis-sena, jew skont il-bżonn. Ġenituri u edukaturi jiġu dejjem avżati b'kull tibdil.

### Rikonoxximent

Edukaturi u ġenituri huma mitluba li jiffirmaw formola fejn juru li qraw u fehmu dan kollu.

## ➢ Politika dwar is-Sigurtà tat-Tfal, is-Superviżjoni u r-Rappurtar ta' Inċidenti

### Dikjarazzjoni tal-Politika

F'St Angela Kindergarten, is-sigurtà, il-benesseri u l-protezzjoni ta' kull tifel u tifla huma l-ogħla prijorità tagħna. Aħna impenjati li nipprovdu ambjent sigur, ta' kura u ta' appoġġ fejn it-tfal jistgħu jitgħallmu, jilagħbu u jiżviluppaw b'kunfidenza.

L-iskola tirrikonoxxi r-responsabbiltà tagħha li tiżgura li t-tfal kollha jkunu ssorveljati b'mod adegwat u li l-ġenituri jinżammu infurmati dwar kwalunkwe inċident, aċċident, korriment jew tħassib li jista' jaffettwa lit-tifel jew tifla tagħhom waqt li jkunu l-iskola.

## Superviżjoni tat-Tfal

**1.** It-tfal għandhom dejjem ikunu ssorveljati minn membri tal-istaff assenjati kif xieraq waqt:

Attivitajiet fil-klassi
Logħob fil-beraħ
Tranżizzjonijiet bejn attivitajiet differenti
Ħarġiet skolastiċi u żjarat edukattivi
Ħinijiet tal-wasla u t-tluq mill-iskola

**2.** L-ebda tifel jew tifla ma għandu/ha jitħalla/titħalla mingħajr superviżjoni fi kwalunkwe ħin matul il-ġurnata skolastika.

**3.** Il-membri tal-istaff huma mistennija li jżommu superviżjoni attiva billi:

Jkunu fiżikament preżenti mat-tfal.
Josservaw l-interazzjonijiet u l-attivitajiet tat-tfal.
Jidentifikaw u jirreaġixxu minnufih għal riskji potenzjali.
Jiżguraw li t-tfal jibqgħu fiż-żoni magħżula u ssorveljati.

4, Meta membru tal-istaff ikollu bżonn jitlaq minn grupp ta' tfal għal kwalunkwe raġuni, ir-responsabbiltà tas-superviżjoni trid tiġi trasferita formalment lil adult ieħor awtorizzat qabel ma jagħmel dan.

## Rappurtar ta' Inċidenti u Aċċidenti

**1.** Kwalunkwe inċident, aċċident, korriment jew avveniment li jaffettwa s-sigurtà jew il-benesseri ta' tifel jew tifla għandu jiġi rreġistrat u rrappurtat mingħajr dewmien.

**2.** Il-ġenituri jew il-kustodji legali għandhom jiġu infurmati kemm jista' jkun malajr kull meta:

Tifel jew tifla jsofri korriment.
Tingħata l-ewwel għajnuna.
Tifel jew tifla jkun involut/a f'inċident sinifikanti ma' tifel jew tifla oħra.
Iseħħ avveniment li jista' jaffettwa l-benesseri fiżiku jew emozzjonali tat-tifel jew tifla.

**3.** Il-komunikazzjoni mal-ġenituri għandha tkun ċara, fattwali u fil-ħin.

**4.** L-inċidenti u l-aċċidenti kollha għandhom jiġu dokumentati skont il-proċeduri tal-iskola u miżmuma skont ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tat-tfal u tal-protezzjoni tad-data.

## L-Ewwel Għajnuna u Emerġenzi Mediċi

**1.** Tal-inqas membru wieħed tal-istaff għandu jkollu ċertifikazzjoni valida fl-Ewwel Għajnuna.

**2.** Il-kaxxi tal-Ewwel Għajnuna għandhom ikunu faċilment aċċessibbli u jiġu ċċekkjati regolarment sabiex jiġi żgurat li l-provvisti jkunu kompluti u fid-dati ta' validità tagħhom.

**3.** Fil-każ ta' korriment serju jew emerġenza medika, għandha tiġi kkuntattjata ambulanza immedjatament u l-ġenituri jew il-kustodji għandhom jiġu infurmati mingħajr dewmien.

## Provvista tal-Ewwel Għajnuna

**1.** Sabiex jiġu żgurati s-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri tal-membri kollha tal-komunità skolastika, l-edukaturi huma mħeġġa jirċievu taħriġ fl-Ewwel Għajnuna. Kull skola għandu jkollha persuna nominata u ċċertifikata fl-Ewwel Għajnuna li tkun responsabbli mill-monitoraġġ u l-manutenzjoni tal-kabinett tal-Ewwel Għajnuna, mill-għoti tal-Ewwel Għajnuna lit-tfal u lill-adulti meta jkun meħtieġ, miż-żamma tar-rekords xierqa tal-inċidenti, u milli tiżgura li l-proċeduri tal-Ewwel Għajnuna jiġu segwiti skont il-politiċi tal-iskola u r-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà.

**2.** Il-persuna nominata għall-Ewwel Għajnuna għandha tiċċekkja regolarment il-kontenut tal-kaxxa tal-Ewwel Għajnuna, timla mill-ġdid il-provvisti fejn meħtieġ u tiżgura li l-materjal kollu jkun għadu validu.

## Valutazzjoni tar-Riskju u Prevenzjoni

**1.** L-istaff għandu jwettaq valutazzjonijiet regolari tar-riskju fl-ambjenti ta' tagħlim kemm ġewwa kif ukoll barra sabiex jiġu identifikati u minimizzati perikli potenzjali.

**2.** Kwalunkwe periklu identifikat għandu jiġi rrappurtat immedjatament u indirizzat mingħajr dewmien.

**3.** It-tagħmir u r-riżorsi użati mit-tfal għandhom jiġu ċċekkjati regolarment sabiex jiġi żgurat li huma sikuri u adattati għall-użu.

**4.** Iż-żjarat edukattivi u l-attivitajiet barra mill-iskola għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjonijiet xierqa tar-riskju u arranġamenti adegwati ta' superviżjoni.

## Sħubija mal-Ġenituri

**1.** L-iskola tagħti valur lill-komunikazzjoni miftuħa u onesta mal-ġenituri u l-kustodji.

**2.** Il-ġenituri huma mħeġġa jqajmu kwalunkwe tħassib dwar is-sigurtà, il-benesseri jew l-esperjenzi tat-tifel jew tifla tagħhom fl-iskola.

**3.** It-tħassib kollu jiġi trattat b'serjetà u investigat kif xieraq.

**4.** L-iskola hija impenjata li taħdem b'mod kollaborattiv mal-familji sabiex tippromwovi l-aħjar interess ta' kull tifel u tifla.

## Tħassib dwar il-Ħarsien u l-Protezzjoni tat-Tfal

**1.** Kwalunkwe tħassib dwar is-sigurtà ta' tifel jew tifla jew dwar abbuż jew negliġenza possibbli għandu jiġi rrappurtat immedjatament lill-persuna nominata responsabbli mill-protezzjoni tat-tfal skont il-proċeduri stabbiliti.

**2.** Il-membri tal-istaff għandhom dmir li jibqgħu viġilanti u jirrappurtaw kull tħassib.

**3.** Il-kunfidenzjalità għandha tinżamm u l-informazzjoni tinqasam biss ma' dawk li għandhom bżonn leġittimu li jkunu jafuha.

## Impenn għall-Ħarsien tat-Tfal

St Angela Kindergarten temmen li kull tifel u tifla għandu d-dritt li jħossu sigur, apprezzat, rispettat u protett. Il-komunità skolastika hija impenjata li trawwem ambjent fejn it-tfal jistgħu jiffjorixxu fiżikament, emozzjonalment, soċjalment u akkademikament, ħielsa minn ħsara, negliġenza jew diskriminazzjoni.

## Reviżjoni tal-Politika

Din il-politika għandha tiġi riveduta kull sena jew qabel jekk ikun meħtieġ minħabba bidliet fil-leġiżlazzjoni, fir-rekwiżiti tal-protezzjoni tat-tfal jew fil-proċeduri tal-iskola.

**Approvata minn:** Kap tal-Iskola

**Data: __________________**

**Data tar-Reviżjoni: __________________**